

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 20.11.2009
KUMM(2009) 633 finali

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT
EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-LEĠIŻLAZZJONI KOMUNITARJA DWAR
L-ISKART**

**Direttiva 2006/12/KE dwar l-iskart,
Direttiva 91/689/KEE dwar l-iskart perikoluż,
Direttiva 75/439/KEE dwar iż-żejt użat,
Direttiva 86/278/KEE dwar ħama tad-dranaġġ,
Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart tal-imballaġġ,
Direttiva 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma u
Direttiva 2002/96/KE dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku**

GĦALL-PERJODU 2004-2006

{SEC(2009)1586}

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT
EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-LEĠIŻLAZZJONI KOMUNITARJA DWAR
L-ISKART**

**Direttiva 2006/12/KE dwar l-iskart,
Direttiva 91/689/KEE dwar l-iskart perikoluż,
Direttiva 75/439/KEE dwar iż-żejt użat,
Direttiva 86/278/KEE dwar ħama tad-dranaġġ,
Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart tal-imballaġġ,
Direttiva 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma u
Direttiva 2002/96/KE dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku**

GĦALL-PERJODU 2004-2006

{SEC(2009)1586}

1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport għandu l-għan li jinforma lill-istituzzjonijiet Komunitarji l-oħra, lill-Istati Membri u lill-pubbliku dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart għall-perjodu 2004 – 2006. Dan ikopri d-Direttivi 2006/12/KE dwar l-iskart, 91/689/KEE dwar l-iskart perikoluż, 75/439/KEE dwar żjut tal-iskart, 86/278/KEE dwar il-ħama tad-dranaġġ, 94/62/KEE dwar l-imballaġġ u l-iskart tal-imballaġġ, 1999/31/KEE dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma, 2002/96/KEE dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku, u 2000/53/KEE dwar vetturi li ma għadhomx jintużaw.

Ir-rapport ġie ppreparat skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/692/KEE biex jistandardizza u jirrazzjonalizza rapporti dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti Direttivi relatati mal-ambjent. Huwa bbażat fuq informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri komplementata mill-konklużjonijiet minn studji tal-Kummissjoni addizzjonali u statistika interna. Aktar informazzjoni tista' tinstab fir-rapporti ppreparati għall-Kummissjoni u ppublikati fuq: <http://ec.europa.eu/environment/waste/reporting/index.htm>.

Dan ir-rapport huwa kkomplementat minn rapporti separati dwar ir-Regolament dwar il-Ġarr tal-Iskart bil-Baħar¹ u d-Direttiva dwar Vetturi li Ma Għadhomx Jintużaw². Għalhekk, hawnhekk hawn inklużi biss sommarji qosra tas-sejbiet prinċipali ta' daww ir-rapporti.

Anness għar-Rapport jinkludi dettalji dwar l-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi tal-leġiżlazzjoni fit-titolu.

¹ Rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Ġarr tal-Iskart bil-Baħar, COM(2009) 282 finali (<http://ec.europa.eu/environment/waste/shipments/reports.htm>)

² Ara: http://ec.europa.eu/environment/waste/elv_index.htm.

2. IL-PRONTEZZA U L-KWALITÀ TAR-RAPPURTAĠĠ

Id-dixxiplina tar-rappurtaġġ tal-Istati Membri tħalli ħafna spazju għal titjib, kemm għar-rapporti ta' implimentazzjoni triannwali u kemm id-dejta annwali dwar il-progress li jsir biex jintlaħqu l-miri. Għal dan ir-rapport, 14-il Stat Membru ma pprovdewx ir-rapporti ta' implimentazzjoni kollha tagħhom fil-ħin. Fir-rigward tad-dejta annwali dwar ir-riċiklaġġ u l-irkuprar dwar WEEE, ELV u l-imballaġġ, madwar terz tal-Istati Membri ma rrispondewx fil-ħin fl-2006. F'ħafna mill-każijiet ir-risposti ma kinux kompluti u l-kwalità tar-rappurtaġġ kienet tvarja. Sa ċertu punt, dan jista' jirriżulta mill-formulazzjoni ambigwa ta' xi wħud mill-mistoqsijiet fil-kwestjonarji ta' implimentazzjoni, imma f'ħafna mill-każijiet l-Istati Membri ma rrispondewx għal ċerti mistoqsijiet jew taw tweġibiet li ma kinux ċari jew li kienu qarrieqa.

Abbażi tar-riżultati ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra li tissimplifika l-mistoqsijiet sabiex tagħmilhom aktar speċifiċi. Barra minn dan, il-metodoloġiji tar-rappurtaġġ tal-Istati Membri jvarjaw fir-rigward tad-dejta annwali dwar riċiklaġġ u rkuprar, u dan jista' jkun jinħtieġ aktar armonizzazzjoni. Il-Kummissjoni bdiet taħdem fuq din il-kwistjoni f'kooperazzjoni mill-qrib mal-uffiċċji tal-istatistika u l-esperti nazzjonali.

3. ID-DIRETTIVA 2006/12/KE DWAR L-ISKART

Ir-rekwiżiti bażiċi, id-definizzjonijiet u l-prinċipji dwar il-ġestjoni tal-iskart fil-Komunità huma stabbiliti fid-Direttiva 2006/12/KE dwar l-iskart (Id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart - Waste Framework Directive, WFD). Din id-Direttiva tintroduċi definizzjoni ta' skart, tobbliga lill-Istati Membri biex jistabbilixxu networks adegwati għall-installazzjonijiet ta' rimi ta' skart, tintroduċi ġerarkija ta' ġestjoni tal-iskart li tippromwovi l-prevenzjoni tal-iskart aktar milli l-irkuprar tiegħu, bir-rimi bħala l-aħħar rikors. Id-Direttiva tobbliga lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-iskart jiġi rkuprat jew jintrema mingħajr perikolu għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, u tipprojbixxi l-abbandun, tfigħ jew rimi mhux kontrollat ta' skart. Din tirrikjedi li l-Istati Membri jippreparaw pjanijiet nazzjonali għall-ġestjoni tal-iskart (waste management plans, WMP) u tintroduċi obbligu biex jinkiseb permess għall-immaniġġjar tal-iskart.

Fl-2009, 11-il każ ta' falliment strutturali u mifrux biex jiġi indirizzat it-tfigħ ta' skart illegali, 10 każijiet għal applikazzjoni ħażina, 4 każijiet relatati mal-ippjanar tal-iskart u 3 dwar nuqqas ta' konformità ta' liġijiet nazzjonali mad-Direttiva kienu għadhom pendenti fir-rigward tal-WFD.

L-Istati Membri kollha kkonfermaw li inkorporaw id-Direttiva fil-liġi nazzjonali tagħhom. Ir-rekwiżiti bażiċi biex tkun żgurata ġestjoni tal-iskart li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent ġew implimentati fl-Istati Membri kollha, għalkemm għad hemm problemi f'ċerti pajjiżi speċjalment fir-rigward tal-ħolqien ta' infrastrutturi kompleti għall-ġestjoni tal-iskart. Fl-istess ħin, hemm differenzi kbar ħafna fl-implimentazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart u l-użu tal-iskart bħala riżorsa.

Il-grad ta' riċiklaġġ/irkuprar ivarja kemm għall-iskart in ġenerali u kemm għall-varjetajiet differenti ta' skart. Iż-żieda fir-rati ta' riċiklaġġ u tal-irkuprar matul dawn l-aħħar snin parzjalment kienet riżultat tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tad-direttivi tar-riċiklaġġ u parzjalment dovuta għall-politiki nazzjonali tal-ġestjoni tal-iskart (fil-każ tal-aħħar, għall-iskart tal-bini u tat-twaqqiġ u għal bijoskart). Madankollu, għad baqa' potenzjal kbir ta'

riċiklaġġ li mhux użat, bir-riżultat li aktar minn nofs ir-riżorsi eżistenti li jirriżultaw mill-iskart ma jintużawx kompletament³.

Il-politika ta' prevenzjoni sa issa ma kinitx effiċjenti, b'azzjonijiet limitati u f'waqthom li ttieħdu mill-Istati Membri, imma ftit li xejn hemm politiki koerenti fuq skala kbira implimentati. Dan seta' kien minħabba fokus limitat fuq il-prevenzjoni tal-iskart fid-WFD l-antika, u għandu jitbiddel meta r-rekwiżiti tad-Direttiva⁴ riveduta f'dan ir-rispett tidħol fis-seħħ.

4. ID-DIRETTIVA 91/689/KEE DWAR SKART PERIKOLUŻ

Id-Direttiva tintroduċi definizzjoni preċiża u uniformi ta' skart perikoluż u timmira biex tiżgura l-ġestjoni ambjentali sostenibbli ta' dan it-tip ta' skart. Huma imposti għadd ta' kontrolli, minbarra dawk stabbiliti fid-WFD, fir-rigward tal-ġestjoni ta' skart perikoluż, inklużi r-rekwiżiti ta' traċċabilità, il-projbizzjoni tat-taħlit ta' skart perikoluż ma' skart ieħor, in-notifika lill-Kummissjoni dwar skart li qed juri proprjetajiet perikolużi imma mhumiex elenkati bħala tali.

Ir-risposti tal-Istati Membri f'ċerti każijiet ma kinux preċiżi biżżejjed biex jiddikjaraw jekk id-Direttiva ġietx implimentata b'mod korrett. B'mod partikolari, hemm dubji fir-rigward tal-infurzar tal-projbizzjoni tat-taħlit u l-eżenzjonijiet relatati minn din il-projbizzjoni, u r-rekwiżiti għall-permess. Ir-regolarità tal-ispezzjonijiet ma kinitx żgurata minn diversi Stati Membri. Hemm ukoll tħassib fir-rigward tar-rekwiżiti tar-rappurtaġġ għall-produtturi. Kien identifikat każ ta' nuqqas ta' regoli ċari għall-imballaġġ u t-tikkettar ta' skart perikoluż, u dan jinħtieġ aktar studju.

5. ID-DIRETTIVA 75/439/KEE DWAR IR-RIMI TA' ŻEJT UŻAT

L-għan tad-Direttiva dwar iż-Żejt Użat huwa li tqarreb il-liġijiet tal-Istati Membri u li toħloq sistema koerenti għall-ġbir, trattament, ħażna u rimi ta' żejt użat biex ikun protett l-ambjent mill-effetti perikolużi kkawżati mit-tnixxija, depożitu jew trattament ta' dawn iż-żjut. L-Istati Membri huma meħtieġa jistabbilixxu sistemi li jirreġistraw, jippermettu u jissorveljaw attivitajiet li jinvolvu l-ipproċessar jew ir-rimi ta' żejt użat. L-ogħla prijorità għall-ġestjoni taż-żejt użat tingħata lill-ġenerazzjoni mill-ġdid, u wara lill-ħruq, qerda, ħażna kkontrollata jew rimi.

Id-Direttiva ġiet trasposta mill-Istati Membri kollha fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom. Ir-risposti tal-Istati Membri juru li l-mekkaniżmi xierqa ta' ħruq ta' permessi u ta' kontroll twaqqfu sabiex ikun hemm prevenzjoni mill-impatti negattivi ambjentali u għas-saħħa mill-ġestjoni taż-żejt użat Madankollu, il-prattika tat-trattament uriet li d-Direttiva ma ġabix magħha r-riżultati mistennija dwar il-promozzjoni tal-ġenerazzjoni mill-ġdid taż-żejt użat: minkejja l-obbligu legali għall-promozzjoni tal-ġenerazzjoni mill-ġdid, il-ħruq kien l-aktar għażla popolari fl-UE. Fil-fatt, il-Kummissjoni nediet għadd ta' każijiet ta' ksur. Din it-tendenza kienet analizzata aktar fil-fond mill-Kummissjoni, u wasslet għal konklużjoni li l-ġenerazzjoni mill-ġdid ma kinitx ta' benefiċċju ambjentali u ekonomiku akbar mill-ħruq. B'riżultat ta' dan, il-każijiet ta' ksur relatati ma' din il-kwistjoni ġew irtirati u d-WFD

³ L-Atlas Ewropew ta' Materja Prima Sekondarja, 2004 *Status Quo* u Potenzjal, Jannar 2008, Prognos.

⁴ Id-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart, ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.

riveduta ma tagħtix prijorità assoluta lill-ġenerazzjoni mill-ġdid imma fl-istess ħin tippermetti lil dawk il-pajjiżi li jridu jippromwovu l-ġenerazzjoni mill-ġdid biex jippreskrivu li ż-żejt użat għandu jibqa' jiġi ttrattat b'dan il-mod.

6. ID-DIRETTIVA 86/278/KEE DWAR IL-HAMA TAD-DRANAĠĠ

Id-Direttiva dwar il-Ħama tad-Dranaġġ ġiet adottata aktar minn 20 sena ilu biex ikun irregolat l-użu korrett tal-ħama tad-dranaġġ fl-agrikoltura u bħala prevenzjoni għall-effetti perikolużi tagħha fuq il-ħamrija, il-veġetazzjoni, l-annimali u l-bnedmin.

Il-miżuri stabbiliti fl-Istati Membri u l-prattika ta' implimentazzjoni deskritta ma jindikaw l-ebda problema fl-implimentazzjoni. Fl-istess ħin, hemm sinjali li d-Direttiva tista' tkun limitata wisq fl-ambitu tagħha, u nieqsa mill-ambizzjoni. Sa mill-adozzjoni tagħha, diversi Stati Membri waqqfu u implimentaw valuri ta' limitu aktar stretti għal metalli tqal u stabbilew rekwiżiti għal sustanzi oħra ta' kontaminazzjoni. Il-valutazzjoni tal-impatt kontinwa tal-Kummissjoni ser tivvaluta jekk għandhomx jitwaqqfu miżuri aktar stretti u tħares lejn il-possibilità li jiġi estiż l-ambitu tad-Direttiva għal tipi oħra ta' ħama u għal applikazzjonijiet oħra apparti l-agrikoltura.

7. ID-DIRETTIVA 94/62/KE DWAR L-IMBALLAĠĠ U L-ISKART MILL-IMBALLAĠĠ

Id-Direttiva dwar l-Imballaġġ għandha l-għan li tarmonizza l-miżuri nazzjonali għall-prevenzjoni jew tnaqqis tal-impatt tal-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ fuq l-ambjent, u biex ikun żgurat il-funzjonament tas-Suq Intern. Din tinkludi dispożizzjonijiet dwar il-prevenzjoni, irkuprar u riċiklaġġ tal-iskart mill-imballaġġ u dwar l-użu mill-ġdid tal-imballaġġ. Id-Direttiva tistabbilixxi l-miri għar-riċiklaġġ u l-irkuprar, tobbliga lill-Istati Membri biex jintroduċu skemi ta' kollezzjoni għall-iskart mill-imballaġġ, u tintroduċi r-rekwiżiti minimi li l-imballaġġ kollu jrid jissodisfa sabiex jitpoġġa fuq is-suq Komunitarju.

Id-Direttiva ġiet trasposta kif suppost mill-Istati Membri kollha u l-livell globali tal-implimentazzjoni tagħha huwa sodisfaċenti. Ma nfetħ l-ebda każ ta' ksur fl-2009.

Id-Direttiva għebet magħha effetti ambjentali pożittivi mir-rati stabbli ta' riċiklaġġ u rkuprar ta' skart mill-imballaġġ⁵. Fil-perjodu ta' rappurtaġġ 2004–2006, l-ammont ta' skart mill-imballaġġ iġġenerat kien qed jiżdied (b'parti minn din iż-żieda dovuta għat-tkabbir tal-UE fl-2004), filwaqt li r-rati ta' riċiklaġġ u rkuprar baqgħu stabbli bi tnaqqis żgħir globali. Fl-2006, tmien Stati Membri ma laħqux waħda jew aktar mill-miri stipulati ta' riċiklaġġ/rkuprar. Skemi ta' ġbir separati għall-iskart mill-imballaġġ ġew implimentati madwar l-UE, għalkemm bi grad ta' effiċjenza differenti, u l-kuxjenza tal-konusmatur dwar il-bżonn tal-ġestjoni tal-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ b'mod li huwa ta' ġid għall-ambjent kienu l-mira tal-Istati Membri kollha. Uħud mill-partijiet interessati qajmu mistoqsijiet dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar prattiku tar-rekwiżiti essenzjali u dan wassal għal eżaminazzjoni aktar mill-qrib tas-sitwazzjoni mill-Kummissjoni.

Fir-rigward tal-impatti għas-Suq Intern tad-Direttiva, f'dawn l-aħħar snin kienu qed jiġu organizzati diskussjonijiet legali bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar il-kompatibilità

⁵ Ara: Ir-Rapport tal-Kummissjoni 2006 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 94/62/KE, SEC(2006) 1579, <http://ec.europa.eu/environment/waste/packaging/report.htm>.

tal-miżuri nazzjonali meħuda sabiex jitnaqqas l-impatt ambjentali tal-imballaġġ ta' xorb u l-ammont ta' skart li dan jiġġenera skont ir-regoli tas-Suq Intern. Filwaqt li il-mira globali tagħhom ħafna drabi hija ġustifikata minħabba raġunijiet ambjentali, ċerti miżuri nazzjonali jmorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju u jirriskjaw li jimpedixxu b'mod disproporzjonali l-użu u l-promozzjoni tax-xorb u l-imballaġġ tiegħu. F'mossa biex tipprevieni aktar problemi lis-Suq Intern u biex tnaqqas l-għadd ta' diskussjonijiet legali mal-Istati Membri, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar "L-Imbillaġġ tax-Xorb, sistemi ta' depożitu u l-moviment liberu tal-oġġetti", li jiġbor is-soluzzjonijiet misjuba u żviluppata s'issa⁶.

8. ID-DIRETTIVA 1999/31/KE DWAR IR-RIMI TA' SKART F'TERRAFERMA

Id-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'Terraferma hija maħsuba biex tipprevieni jew tnaqqas l-effetti negattivi ta' rimi ta' skart f'terraferma fuq l-ambjent, b'mod partikolari fuq l-ilma tal-wiċċ, l-ilma ta' taħt l-art, il-ħamrija, l-arja u s-saħħa tal-bniedem. Din tistabbilixxi rekwiżiti tekniċi stretti għal miżbliet, rekwiżiti speċifiċi għall-aċċettazzjoni ta' skart fuq is-siti, u tintroduċi kategoriji ta' miżbliet skont l-iskart li jkun se jintrema. Id-Direttiva tobligha lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti joħorġu l-permessi biex jitħaddmu s-siti. Waħda mid-dispożizzjonijiet prinċipali tinkludi miri għal devjazzjoni gradwali ta' skart muniċipali bijodegradabbli minn miżbliet sabiex jitnaqqas l-emissjonijiet tal-metanu, flimkien mar-rekwiżiti tekniċi għall-qbid u t-trattament ta' gass minn miżbla.

L-implimentazzjoni Prattika tad-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'Terraferma xejn mhi sodisfaċenti, u jridu jsiru sforzi konsiderevoli biex din tittejjeb. Għaxar snin wara l-adozzjoni tad-Direttiva, mhux l-Istati Membri kollha rrapportaw li din ġiet trasposta u li implimentaw id-dispożizzjonijiet kollha tagħha, u l-Kummissjoni għadha qed tiftaħ għadd sinifikanti ta' każijiet ta' ksur kontra Stati Membri għal traspożizzjoni jew implimentazzjoni ħażina ta' din il-leġiżlazzjoni.

Ta' kuljum, il-Kummissjoni tirċievi għadd kbir ta' lmenti dwar miżbliet illegali li ma għandhomx il-permessi meħtieġa mil-leġiżlazzjoni tal-iskart tal-UE, li jikkawżaw effetti negattivi serji lill-ambjent u riskji lis-saħħa tal-bniedem. Dawn l-ilmenti wrew nuqqasijiet ta' implimentazzjoni sinifikanti ġenerali u persistenti f'parti kbira mill-UE. Fil-każijiet osservati, l-Istati Membri ta' sikwit ittolleraw nuqqasijiet serji ta' perjodi twal fejn ma kienx żgurat li l-attivitajiet illegali twaqqfu u ġew ikkastigati⁷. Għadd kbir ta' miżbliet ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tad-Direttiva u hemm riskju reali li l-parti l-kbira tal-Istati Membri ma jilhqax il-limitu ta' skadenza tas-16 ta' Lulju 2009, meta l-miżbliet kollha li ma jilhqax l-istandard li kienu jeżistu qabel l-introduzzjoni tad-Direttiva għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tagħha (sakemm dawn ma għandhomx deroga speċifika). Disa' Stati Membri biss irrappurtaw li laħqu l-miri tal-2006 għad-devjazzjoni ta' skart bijodegradabbli muniċipali minn miżbliet u l-qbid ta' gass mill-miżbla jidher li għadu mhux suffiċjenti.

Il-problema tidher li hija partikolarment gravi fl-UE-10 fejn rimi ta' skart f'terraferma jibqa' għażla predominanti minħabba li l-ebda infrastruttura alternattiva ta' ġestjoni tal-iskart ma hi disponibbli. Minkejja l-progress mġaġġel f'dawn il-pajjiżi biex jagħlqu miżbliet li ma jilhqax l-istandard, jinħtieġ li jiżiedu l-isforzi biex tkun żgurata l-konformità sħiħa.

⁶ ĠU C 107, 9.5.2009, p.1 (ara:http://ec.europa.eu/enterprise/regulation/goods/deposit_systems_en.htm).

⁷ Ara: Dokument ta' ħidma għall-istaff tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Liġi Ambjentali tal-Komunità Ewropea, SEC (2008)2876, 18.11.2008, p. 12.

Fl-2009, tlettax-il każ ta' nuqqas ta' konformità u ħdax-il każ ta' applikazzjoni ħażina kienu pendenti kontra Stati Membri relatati mad-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'Terraferma. B'risposta għal dawn in-nuqqasijiet sistematiċi tal-Istati Membri biex jimplementaw sew il-leġiżlazzjoni tal-iskart tal-UE, il-Kummissjoni adottat sistema strateġika. Il-ksur imsejjaħ "orizzontali" u każijiet fil-Qorti nb dew sabiex ikun indirizzat in-nuqqas ta' infrastrutturi nazzjonali u ta' miżuri ta' infurzar effettivi. Għadd kbar ta' każijiet individwali ntużaw bħala eżempju. Din is-sistema tippermetti li l-problemi jiġu solvuti f'aktar postijiet milli kieku l-attenzjoni kienet biss fuq miżbljet individwali.

9. ID-DIRETTIVA 2002/96/KE DWAR SKART TA' TAGĦMIR ELETTRIKU U ELETTRONIKU

L-ammont ta' skart minn tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE – waste from electrical and electronic equipment) fl-UE bħalissa huwa stmat għal 8.3-9.1 miljun tunnellata fis-sena, u għandu jiżdid għal madwar 12.3 miljun tunnellata sal-2020 skont stimi reċenti. Id-WEEE irid jiġi amministrat b'mod kontrollat minħabba l-kwantità tiegħu u n-natura tiegħu li ta' sikwit tkun perikoluża, imma wkoll minħabba li dan fih riżorsi prezzjużi. Id-Direttiva WEEE timmira li tnaqqas l-impatti ambjentali tar-rimi ta' dan it-tip ta' skart u biex jittejjeb il-ġbir, l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkuprar tiegħu fuq standards għolja ambjentali u ta' saħħa. L-imsieħba kummerjali prinċipali tal-UE segwew l-eżempju Ewropew u daħħlu fis-seħħ leġiżlazzjoni simili (pereżempju ċ-Ċina, il-Korea, il-Ġappun, xi Stati Amerikani).

Minkejja l-eżistenza tad-Direttiva, huwa biss terz mill-iskart elettriku u elettroniku fil-Komunità li jiġi rrapurtat bħala trattat kif suppost. Iż-żewġ terzi l-oħra qed imorru f'miżbljet u potenzjalment f'siti ta' trattament oħra li ma jilhqx l-istandard ġewwa jew barra mill-UE. Il-kummerċ illegali ta' skart elettriku u elettroniku lejn pajjiżi li mhumiex fl-UE għadu mifruż ħafna. Prodotti li mhumiex ittrattati kif suppost jippreżentaw riskji maġġuri ambjentali u għas-saħħa. Il-mira li jinġabru 4 kg għal kull persuna kull sena ma tirriflettix sew is-sitwazzjoni fi Stati Membri individwali u din ma ntlaħqitx f'ħames Stati Membri fl-2006 (tnejn oħra ma rrapurtawx). L-għaxar miri ta' riċiklaġġ applikabbli ntlaħqu kollha minn ħames Stati Membri biss, u d-disa' miri ta' rkuprar intlaħqu biss minn erbgħa. Fl-2009, il-każijiet ta' ksur għal nuqqas ta' konformità mad-Direttiva WEEE kienu pendenti kontra erbatax-il Stat Membru, u kontra wieħed għal nuqqas ta' rappurtaġġ. Hemm ukoll tmien każijiet ta' ksur pendenti ta' nuqqas ta' konformità mad-Direttiva RoHS relatata.

F'Diċembru 2008 l-Kummissjoni Ewropea pproponiet li tikteb id-Direttiva WEEE mill-ġdid sabiex tindirizza wħud min-nuqqasijiet ta' implimentazzjoni osservati, tittratta l-ammont ta' skart ta' dan it-tip ta' prodotti li dejjem qiegħed jiżdid b'rata mgħaġġla, u ssaħħaħ l-infurzar ta' din il-leġiżlazzjoni.

10. ID-DIRETTIVA 2000/53/KE DWAR VETTURI LI MA GĦADHOMX JINTUŻAW

Id-Direttiva 2000/53/KE dwar vetturi li ma għadhomx jintużaw (id-Direttiva ELV – end-of-life vehicles)⁸ timmira li tipprevieni l-iskart minn vetturi u li żżid l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u forom oħra ta' rkuprar ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u l-komponenti tagħhom. Din tistabbilixxi r-rekwiżiti tat-trattament u tippromwovi d-disinn ta' vetturi b'faċilità li dawn jiġu

⁸ ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34.

riċiklati fil-futur. Id-dettalji relatati mal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva huma speċifikati f'rapport separat tal-Kummissjoni.

L-Istati Membri rrapportaw livell tajjeb ta' implimentazzjoni formali. L-Istati Membri kollha adottaw miżuri għat-traspożizzjoni tad-Direttiva u ħadu passi biex jistabbilixxu sistemi ta' ġestjoni tal-iskart kif meħtieġ mil-leġislazzjoni, imma wħud mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għadhom ma ġewx trasposti bis-sħiħ jew b'mod korrett.

F'dak li jikkonċerna l-infurzar prattiku tad-dispożizzjonijiet legali, l-Istati Membri setgħu jipprovdu aktar informazzjoni minn dik mogħtija fil-perjodu ta' rappurtaġġ preċedenti, imma l-valutazzjoni ta' kif is-sistemi għall-ġestjoni tal-ELV jaħdmu fil-prattika tibqa' diffiċli fuq il-bażi tar-rapporti nazzjonali. L-għadd dejjem jikber ta' każijiet ta' ksur mnedija mill-Kummissjoni jissuġġerixxi li l-implimentazzjoni prattika tibqa' taħt il-livell aċċettabbli: fl-2009, kienu pendent disa' każijiet ta' nuqqas ta' konformità mad-Direttiva, inkluż dwar definizzjonijiet u prinċipji ewlenin (pereżempju definizzjoni ta' vettura li ma għadhiex tintuża jew l-obbligu li jiġu trasferiti l-ELVs lejn faċilitajiet ta' trattament awtorizzati). Tnedew ukoll sitt każijiet ta' ksur li jikkonċernaw in-nuqqas ta' Stati Membri li jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni.

Fl-2008, il-livelli ta' użu mill-ġdid, riċiklaġġ u rkuprar milħuqa fl-2006 ġew irrappurtati għall-ewwel darba. Dan jirriżulta mill-25 rapport li l-Kummissjoni rċeviet, li fl-2006 dsatax-il Stat Membru laħqu l-mira tal-użu mill-ġdid/riċiklaġġ ta' 80%, u tlettax biss laħqu l-mira tal-użu mill-ġdid/irkuprar ta' 85%⁹, riżultat li mhux sodisfaċenti. Il-Kummissjoni kitbet lill-Istati Membri li ma laħqux il-miri biex dawn jagħtu raġuni għan-nuqqas tagħhom.

11. IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) NRU 259/93 DWAR IT-TRASPORT TA' SKART BIL-BAĦAR

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 259/93 dwar it-trasport ta' skart bil-baħar (WSR – Waste Shipment Regulation) jimplementa fil-leġislazzjoni Komunitarja l-Konvenzjoni ta' Basel tal-1989 dwar il-kontroll ta' movimenti transkonfinali ta' skart perikoluż u r-rimi tiegħu. Dan jorganizza s-superviżjoni u l-kontroll tat-trasport ta' skart bil-baħar ġewwa u barra mill-Komunità sabiex jippermetti lill-Komunità kollha kemm hi biex tarmi l-iskart tagħha u wkoll jippermetti lill-Istati Membri individwalment biex jimxu lejn dik il-mira, b'kunsiderazzjoni għaċ-ċirkostanzi ġeografiċi u l-bżonn ta' installazzjonijiet speċjalizzati biex jittrattaw ċerti tipi ta' skart. L-obbligi tar-rappurtaġġ taħt il-Konvenzjoni ta' Basel u d-WSR jikkonċernaw it-trasport ta' skart perikoluż bil-baħar (skart imniżżel fuq il-lista l-ħadra s'issa mhuwieħ suġġett għal rappurtaġġ obbligatorju).

F'Ġunju 2009, il-Kummissjoni adottat rapport dwar il-ġenerazzjoni, t-trattament u t-trasport transkonfinali bil-baħar ta' skart perikoluż u skart ieħor fl-Istati Membri għall-perjodu bejn l-2001 u l-2006 li jindika li:

- l-ammont ta' skart perikoluż iġġenerat mill-UE-15 żdied bi 22% fil-perjodu ta' rappurtaġġ bejn l-2001 u l-2005 (jiġifieri żieda ta' madwar 4% fis-sena), filwaqt li l-ammont iġġenerat mill-UE-25 ma indika l-ebda tendenza partikolari;

⁹ Ara: <http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/waste/data/wastestreams/elvs>.

- il-kunsinni bil-baħar ta' skart perikoluż ħiereġ minn, jew dieħel fl-UE-15 irdoppja fl-2005 u laħaq 5.4 u 3.5 miljun tunnellata rispettivament;
- madwar 85% (40 miljun tunnellata) ta' skart perikoluż kien trasportat bil-baħar għall-irkuprar;
- 95% tal-iskart trasportat bil-baħar fl-UE-15 oriġina fil-pajjiżi tal-UE-25 u l-EFTA, filwaqt li 1% biss wasal minn pajjiżi li mhumiex OECD;
- fl-2005, stima ta' 90% tal-iskart perikoluż tal-Komunità ġie trattat fil-pajjiż tal-oriġini;
- madwar 90% tal-iskart perikoluż li ġie trasportat bil-baħar baqa' fl-UE-15, filwaqt li 98% tal-kunsinni bil-baħar mill-UE-15 f'dan il-perjodu marru lejn l-UE-25 u l-EFTA.

Aktar dettalji dwar l-implimentazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni jistgħu jinstabu fir-rapport tal-Kummissjoni fuq: <http://ec.europa.eu/environment/waste/shipments/reports.htm>.

Sfortunatament, ir-rappurtaġġ dwar inċidenti/aċċidenti u/jew kunsinni bil-baħar illegali kien, bi ftit eċċezzjonijiet, mhux adegwat, mhux ċar, u għalhekk wieħed jassumi li mhux realistiku. Dan huwa punt importanti għal titjib fil-futur minħabba li għadd sinifikanti ta' kunsinni bil-baħar illegali huma notifikati lill-Kummissjoni kull sena, b'mod partikolari fir-rigward tal-iskart minn tagħmir elettriku u elettroniku, u vetturi li ma għadhomx jintużaw.

12. L-AZZJONI TAL-KUMMISSJONI BIEX ITTEJEB L-IMPLIMENTAZZJONI

Fl-2006, is-settur tal-ambjent kien jammonta għal madwar wieħed minn kull ħames każijiet miftuħa li jikkonċernaw in-nuqqas ta' konformità mal-liġi Komunitarja li qed jiġu investigati mill-Kummissjoni, u jibqa' s-settur bl-ogħla numru ta' każijiet miftuħa. L-ambjent jgħodd għal madwar 10% tal-mistoqsijiet Parlamentari kollha mressqa quddiem il-Kummissjoni, u jibqa' s-suġġett prinċipali b'35% tal-petizzjonijiet ittrattati mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet. Aktar minn 20% tal-każijiet ta' ksur ambjentali kollha mnedija huma relatati mal-leġiżlazzjoni tal-iskart.

Stat ta' implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni Komunitarja li xejn mhu sodisfaċenti dwar l-iskart, inklużi n-nuqqasijiet persistenti fl-implimentazzjoni, wassal għal attenzjoni ffukata tal-Kummissjoni, u t-tnedija ta' serje ta' azzjonijiet bil-ħsieb li jgħinu fit-titjib tas-sitwazzjoni.

Kontrolli tal-konformità jitwettqu fuq bażi regolari, u każijiet ta' ksur relatati mal-leġiżlazzjoni tal-iskart huma mnedija kontinwament. L-istrateġija "orizzontali" l-għdida tal-Kummissjoni għal każijiet ta' ksur multipli relatati mad-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'Terraferma għandhom jippermettu li tiġi indirizzata firxa usa' ta' każijiet f'kull proċedura, u għalhekk jitħaffef il-proċess legali. Il-Kummissjoni tirċievi, fuq bażi regolari, għadd kbir ta' lmenti, petizzjonijiet u ittri mingħand ċittadini, NGOs, u istituzzjonijiet oħra tal-UE, li jikkostitwixxu sors prezzjuż ta' informazzjoni dwar l-istat attwali ta' implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-iskart. Informazzjoni minn dawn is-sorsi hija vverifikata permezz ta' korrispondenza bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, fejn din tal-aħħar tfittex aktar informazzjoni jew tagħmel lill-awtoritajiet nazzjonali aktar konxji tal-problemi.

Il-Kummissjoni tiltaqa' mal-Istati Membri u l-partijiet interessati fuq bażi regolari u fuq livelli differenti, li jinkludu esperti nazzjonali fil-Kumitat tal-Adattament Tekniku, laqgħat ta' livell

għoli ta' diretturi ambjentali, diversi laqgħat ta' esperti ad hoc u konsultazzjonijiet ta' sikwit ma' partijiet interessati. Laqgħat bħal dawn li jammontaw għal bejn 20-30 fis-sena jippermettu l-iskambju tal-aqwa Prattika, diskussjoni dwar kwistjonijiet ta' implimentazzjoni u l-kjarifika tal-leġiżlazzjoni. Il-Kummissjoni ħarġet għadd ta' miżuri ta' implimentazzjoni (deċiżjonijiet ta' komitoloġija) li jiċċaraw il-leġiżlazzjoni u d-dokumenti ta' gwida li ma jorbtux, inklużi dawk dwar id-WEEE, l-ELV, il-batteriji, id-WFD. Tingħata interpretazzjoni legali fuq bażi regolari, u fejn ikun neċessarju, il-leġiżlazzjoni tiġi riveduta sabiex din tiġi aġġornata bil-progress li jkun sar fil-ġestjoni tal-iskart (pereżempju reviżjoni tad-WFD, ir-Regolament dwar it-Trasport ta' Skart bil-Baħar, il-Lista tal-Iskart, il-miri ELV, id-direttivi WEEE u RoHS).

Mill-2007, il-Kummissjoni ħadet passi addizzjonali biex ittejjeb l-implimentazzjoni billi nediet għadd ta' azzjonijiet ta' promozzjoni tal-konformità li jinkludu 36 attività li jżidu l-għarfien u l-iskambju ta' informazzjoni, dokumenti ta' gwida għall-Istati Membri għal għadd ta' kwistjonijiet prinċipali li jikkonċernaw il-leġiżlazzjoni tal-iskart tal-UE, azzjonijiet ta' infurzar konġunti u attivitajiet ta' spezzjoni fi Stati Membri f'kooperazzjoni mill-qrib ma' IMPEL u t-twaqqif ta' fażi pilota ta' *help-desk* dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-iskart tal-UE. Kompletaw il-laqgħat mal-Istati Membri u l-partijiet interessati. Qed jitwettqu aktar studji sabiex jiġi eżaminat l-aħjar mod biex jiġu indirizzati l-problemi ta' implimentazzjoni fil-futur, inkluż studju ta' fattibbiltà dwar it-twaqqif ta' entità Ewropea għall-monitoraġġ u l-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-iskart.

13. KONKLUŻJONIJIET

Filwaqt li l-leġiżlazzjoni Komunitarja hija trasposta b'mod raġonevoli fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, għalkemm xi kultant b'dewmien sinifikanti, in-nuqqas ta' infurzar adegwat jikkawża falliment kbir biex jintlaħqu l-oġġettivi mifthemata ta' protezzjoni ambjentali fil-Prattika. L-implimentazzjoni u l-"applikazzjoni fil-ħajja ta' kuljum" tal-leġiżlazzjoni tal-iskart fil-perjodu tar-rappurtaġġ 2004 – 2006 baqa' mhux sodisfaċenti f'ħafna oqsma. Dan jikkonferma osservazzjonijiet aktar bikrija li kienu diġà rriżultaw fi sforzi aktar iffukati min-naħa tal-Kummissjoni biex tassisti lill-Istati Membri f'implimentazzjoni aqwa. Fl-istess ħin, il-kwalità tal-informazzjoni mogħtija turi li hemm bżonn ta' informazzjoni aħjar, bħal pereżempju fil-forma ta' indikaturi tal-monitoraġġ li jkunu disponibbli għall-pubbliku, li jistgħu jiffaċilitaw investigazzjoni aktar fil-fond tal-istat tal-implimentazzjoni, l-effikaċja u l-effiċjenza tal-leġiżlazzjoni tal-iskart skont il-politika ta' Regolamentazzjoni Aqwa tal-Kummissjoni.

Kif muri mill-għadd kbir ta' każijiet ta' ksur, l-istat tal-implimentazzjoni Prattika jibqa' kritiku fir-rigward tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart, id-Direttiva dwar ir-Rimi ta' Skart f'Terraferma, u r-Regolament dwar it-Trasport ta' Skart bil-Baħar fejn huma meħtieġa sforzi koordinati biex is-sitwazzjoni tiġi konformi mal-leġiżlazzjoni. Trid tittieħed azzjoni biex jiġu indirizzati nuqqasijiet sinifikanti fl-infrastruttura tal-ġestjoni tal-iskart, biex jibda x-xogħol fuq l-ammont kbir ta' miżbliet illegali f'numru sinifikanti ta' Stati Membri u ħafna kunsinni bil-baħar ta' skart illegali, fil-parti l-kbira skart elettroniku u vetturi li ma għadhomx jintużaw. B'mod partikolari, huwa xieraq li, flimkien mal-Kummissjoni, l-Istati Membri u IMPEL iżidu l-azzjonijiet tagħhom biex iqarrbu n-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'Terraferma. Ukoll, f'diversi Stati Membri, ir-riżultati tad-direttivi tad-WEEE, tal-Imballaġġ u tal-ELV baqgħu taħt il-miri miftiehma li jorbtu u baqgħu jinfetħu diversi każijiet ta' ksur.

Għalkem sar progress f'xi Stati Membri, iridu jinbdew sforzi kbar ta' implimentazzjoni f'ħafna pajjiżi. Uħud mill-problemi rappurtati huma partikolarment komuni f'pajjiżi li ngħaqdu mal-Komunità fl-2004 fejn aktar minn 90% tal-iskart ikompli jintefa f'miżbla. Iridu jiżdiedu l-isforzi sabiex l-infrastruttura tal-ġestjoni tal-iskart jinġiebu skont ir-rekwiżiti tal-leġislazzjoni Komunitarja, inkluż il-ħolqien ta' sistemi ta' ġbir separati għal tipi ta' skart differenti, l-educazzjoni taċ-ċittadini, l-investimenti f'sistemi ta' trattament minn qabel tal-iskart qabel ma finalment jintrema. Dawn l-isforzi huma kruċjali sabiex il-liġi effettivament tiproteġi l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem.